***F'għeluq il- 75 anniversarju mindu s-surmast Antonio Pace kiteb l-innu, "Esultanti" , 'In Onore Di Maria Vergine di Loreto', għall-parroċċa ta'Għajnsielem Għawdex.***

# *Mro Antonio Pace (1878-1950)*

**Kitba ta' Grazio A. Grech**

Is-surmast Antonio Pace twieled f'Bormla nhar il-11 ta' Settembru, 1878. Missieru kien jismu Ġużeppi u ommu Tereża mwielda Buttigieg.

Is-surmast Pace studja l-arti mużikali taħt Mro Martinelli, fl-istitut Pawlin Vassallo, u taħt Mro Ġużeppi Abdilla. L-orgni tgħallmu taħt il-Kanonku Dun Rafel Mazzelli li barra li kien organista fil-knisja ta' San Lawrenz tal-Birgu kien ukoll Maestro di Cappella.

Is-surmast Pace barra li kien idoqq mal-Mużika tal-Kanonku Mazzelli kien ukoll organista u Maestro di Cappella. Huwa waqqaf għadd ta' orkestri u korijiet u wkoll ikkompona għadd ta' bċejjec mużikali. Huwa ħarreġ diversi kantanti u waqqaf orkestri fil-Qrendi, fil-Kalkara, f'Hal Luqa, u l-Birgu. Fl-Isla waqqaf l-iSchola Cantorum bit-tfal u biha ħa sehem f'diversi festi f'diversi parroċċi fosthom fil-Parroċċa tal-Madonna ta' Loreto, Għawdex. Fil-Belt Valletta kien ukoll waqqaf l-Unione Cattollica San Giuseppe.

Fis-sena 1917, Mro Pace nħatar kemm organista kif ukoll Maestro di Cappella fil-Parroċċa to' San Pubbliju l-Floriana. FL-l934 inħatar organista fil-Kolieġġjata ta' San Pawl fil-Belt Valletta, waqt li kien Maestro di Cappella, kemm fil-knisja ta' San Duminku kif ukoll f'dik tal-Lunzjata tal-Birgu u fil-knisja ta' San Filippu fl-Isla. Is-surmast Pace ta wkoll servizzi fil-Parroċċa ta' Bormla. F'Għawdex Mro Antonio Pace kien jagħti s-servizzi tiegħu bil-Mużika fil-festa titulari ta' Għajnsielem iddedikata lill-Madonna to' Loretu fis-snin tletin u erbgħin tas-seklu li għadda.

Bħala kompożitur, is-surmast Pace ikkompona diversi tipi ta' mużika, bħal valzi, polki, mażurki, kwadrilji, innijiet u mużika sagra. Is-Sur Robert Mifsud Bonnici għarrafna Ii s-surmast Pace kiteb seba' quddisiet u diversi għosrien u li qabel ma miet is-surmast Pace kiteb Għasar tal-Madonna u iehor ta' l-Appostli. fl-1925 Mro Pace ikkompona innu ad unur San Pubblio, Inno Popolare In Onore di San Publio M. Primo Vescovo di Malta. Dan kien indaqq dik is-sena stess. FI-1930 niltaqgħu mal-Gran Marcia, Maria Assunta u mal-valz, Gelsomino.

FI-1931 is-surmast Pace kkompona Antifona ġdida għall-festa ta'San Duminku tal-Birgu, waqt li fl-1932 kiteb l-innu popolari In Onore di Maria Vergine di Loreto, għall-Porroċċa ta' Għajnsielem, Għawdex. Dan l-innu li għadu jindaqq sa llum għandu il-versi tiegħu bit-Taljan ta' Mons. Kon. Dun Fortunato Grech. Fil-parroċċa ta' Għajnsielem, insibu li Mro Pace għandu wkoll Tantum Ergo a due voci, Salve Regina, xi litaniji u żewġ Antifoni b -isem ta' Beata Mater Ii jindoqqu waħda matul il-jiem tat-Tridu u l -oħra lejlet u nhar il-festa tal-Madonno to Loretu.

Is-surmast Antonio Pace miet f'Hal Lija nhar il-31 ta' Lulju, 1950 u ġie midfun fil-qabar tal-Frotellanza tas- S.S. Kurċifiss ta' Bormla fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorota, Malta.

